# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu 2019**

**Numru 1**

**Rikors numru 40/17 JZM**

**Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacita` taghhom ta' partners tad-ditta Deloitte**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment moghti fuq talba maghmula mir-rikorrenti fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2019 sabiex zewg membri ta' din il-Qorti, l-Imhallef Giannino Caruana Demajo u l-Imhallef Noel Cuschieri, jastjenu milli jkomplu jisimghu l-kaz odjern stante li dawn il-membri kienu jifformaw parti minn din il-Qorti, diversament presjeduta, li kienet tat id-decizjoni

tal-25 ta' Novembru 2016 fir-rikors numru 73/13 fl-istess ismijiet tal-kawza odjerna *"fuq liema decizjoni qieghed jistrih u jiccita estensivament l-Avukat Generali appellat"*[1].

2. Fis-sustanza, dik id-decizjoni li minnha twieldu l-proceduri odjerni hi fis-sens li din il-Qorti kienet cahdet it-talba tar-rikorrenti ghar-rijappuntament tal-appell taghhom mis-sentenza parzjali moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ***Valle de Miele Limited v. Raphael Aloisio et*** fl-1 ta' Dicembru 2003, wara li din il-Qorti osservat li r-rimedju moghti mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kumpens ta' €6,000 ghal-lezjoni riskontra minn dik il-Qorti tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq tar-rikorrenti, kien gie ezekwit interament mill-Istat Malti bil-hlas tal-imsemmi kumpens. Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni din il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex, minkejja l-hlas tal-kumpens, l-appell taghhom fil-kawza fuq imsemmija jitqieghed fuq il-lista tal-Qorti tal-Appell sabiex jinstema' u jigi deciz minnha.

3. Il-proceduri kostituzzjonali odjerni jikkoncernaw sostanzjalment id-decizjoni tal-25 ta' Novembru 2016 u fihom ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 13 u 6 tal-Konvenzzjoni kif ukoll bhala rimedju li l-appell preliminari fil-kawza fuq imsemmija *"jerga' jitqieghed fuq il-lista tal-Qorti tal-Appell sabiex jinstema' u jigi deciz minnha,"*

---
[1] Fol.120

4. Fid-dawl tal-premess, iz-zewg imhallfin fuq imsemmija huma tal-fehma li, in omagg ghall-principju tal-imparzjalita` oggettiva li hu aspett tal-kuncett tad-dritt ta' smigh xieraq, ghandhom jastjenu milli jkomplu jisimghu l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha bl-astensjoni taz-zewg imhallfin fuq indikati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm